# KUNSILL LOKALI
# IŻ-ŻEBBUĠ

# RAPPORT ANNWALI AMMINISTRATTIV 2017

## WERREJ


| | |
|---|---|
| **REVIŻJONI TAX-XOGĦLIJIET** | **1-3** |
| **IL-KUNSILL** | **4-5** |
| **VARJAZZJONIJIET FID-DĦUL U L-INFIQ** | **6-8** |
| **DIKJARAZZJONI RIKONĊILJATORJA BANKARJA** | **9-10** |
| **IR-RAPPORT TAL-UDITURI U D-DIKJARAZZJONIJIET FINANZJARJI** | **11** |


*Ippreparat minn Ryan Debrincat*

Ser inkunu qed nagħtu ħarsa lejn ix-xogħol u l-progress li għamel il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ u l-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn matul l-aħħar sena ta' ħidma. Dan ir-Rapport Amministrattiv hu għas-sena 2017.

**OFFERTI GĦAL XOGĦLIJIET, MATERJAL U SERVIZZI**

Matul is-sena 2017, saru dawn is-sejħiet għall-offerti:-

- Kisi ta' toroq bil-*hot rolled asphalt*;
- Akkwist u nstallazzjoni ta' bankijiet;
- Akkwist ta' *ready mix concrete* u materjal ieħor relatat;
- Provvista u konsenja ta' żebgħa għall-użu estern;
- Provvista u nstallazzjoni ta' sinjali tat-traffiku fil-lokalita';
- Servizz ta' *Contracts Manager*;
- Tindif tal-latrina taż-Żebbuġ;
- Tiswija tal-moll tal-bajja tax-Xwejni fiż-Żebbuġ;
- Manutenzjoni tal-ground tal-futbol ta' ħdejn l-Iskola Primarja taż-Żebbuġ;
- Manifattura u nstallazzjoni tat-tinda tal-*pitch* tal-boċċi fi Triq Mons De Piro, Iż-Żebbuġ;
- Traqqiegħ bl-asfalt;
- Servizz ta' Perit;
- Manifattura u nstallazzjoni ta' railing fi Triq l-Onici u Sqaq Anton Malli, iż-Żebbuġ;
- Tindif u ż-żamma taż-Żebbuġ *playingfield*, Qbajjar *promenade* u Ġnien Serħan is-Sagħtrija, iż-Żebbuġ;
- Dekorazzjonijiet tat-Triq il-Milied f'Pjazza Assunta u Triq il-Knisja, Żebbuġ, Għawdex;
- Disinn u Stampar ta' kalendarju.

**IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL**

Bħal kull Kunsill Lokali ieħor f' Malta u f'Għawdex, il-Kunsill taż-Żebbuġ huwa responsabbli minn diversi funzjonijiet obbligatorja u dawn huma fost l-oħrajn:-

- Il-ġbir tal-iskart domestiku bieb bieb.
- Servizz ta' *bulk refuse collection*.
- Servizz ta' *skips on wheels* f'Marsalforn.
- Tlett *bring-in sites* għas-separazzjoni tal-iskart f' Marsalforn.
- It-tindif u ż-żamma fi stat tajjeb tat-toroq, il-latrini pubbliċi, il-ġonna u l-postijiet ta' rikreazzjoni, is-sinjali u l-marki tat-traffiku.
- It-tiswija tal-lampi tat-toroq.
- Ippropona lill-awtoritajiet kompetenti biex isiru xogħlijiet u proġetti kif ukoll estensjoni ta' servizzi fil-lokalita` bħal per eż. titjib fit-trasport pubbliku.

**ĦIDMA SOĊJALI**

Ser insemmu wħud mill-attivitajiet li ġew organizzata fil-qasam soċjali:-

- Ipparteċipajna fil-festi Pawlini li saru fil-komunita` ta' Marsalforn.
- Attivita` tal-Karnival fiż-Żebbuġ.
- Xtrajna aktar kotba għall-librerija, għażla ta' kotba għat-tfal u anke għall-adulti.
- Fix-xhur tas-sajf, għamilna numru ta' korsijiet ta' tagħlim (ħjata, fuħħar, bizzilla, pittura u induratura).
- Tellajna bil-kollaborazzjoni tal-Parroċċa u għaqdiet tal-lokalita` programm ta' attivitajiet fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Marija.
- Fakkarna Jum Iż-Żebbuġ, it-28 ta' April. Sar it-tberik ta' *pets*, bil-koperazzjoni tal-Kumitat Żebbuġ Rovers għamilna attivita` sportiva għat-tfal kollha tal-lokal fejn il-konkorrenza kienet waħda tajba ħafna, quddiesa fil-Knisja Arċipretali taż-Żebbuġ u l-qofol ċerimonja ta' tifkira bis-sehem tal-Banda Santa Marija u l-korijiet tal-parroċċa. Din is-sena, il-premju Ġieh iż-Żebbuġ ingħata lill-eks Kunsillier Joseph Camilleri.
- Diversi ħarġiet kulturali f'Malta u f'Għawdex għan-nies tal-lokalita`.
- Servizz ta' tilqim tal-labra tal-influwenza.
- Kompetizzjoni tal-presepji.

- Fl-okkażjoni tal-festi tal-Milied, festin għat-tfal tal-lokalita`.
- Organizzajna *fitness classes* fl-Iskola.
- *Streaming* tal-laqgħat *on line*.
- Saħħaħna l-ġemallaġġ biż-żjara taċ-ċittadini ta' Lanuvio Ruma fil-lokalita' tagħna;
- Attendejna għal Festival tal-Melħ Sapori di Sale fejn ġew esibiti prodotti żebbuġin;
- Saret il-ġostra tradizzjonali fil-bajja ta' Marsalforn
- Wirja tal-karozzi fi Triq Mons De Piro
- Tellajna Musical 'Ikun li Trid Int'
- Tiżjin tal-Milied fit-toroq taż-Żebbuġ u ta' Marsalforn

**PROĠETTI U XOGĦLIJIET OĦRA**

- Tlesta l-proġett ta' kisi bil-konkos ta' Triq il-Kanun;
- Kostruzzjoni ta' diversi bankini fiż-Żebbuġ u f'Marsalforn;
- Bdilna għadd ta' tabelli tat-traffiku u ta' informazzjoni u saru oħrajn ġodda;
- Bdilna diversi mirja tat-traffiku miksura u waħħalna oħrajn ġodda.
- Waħħalna numru ta' bankijiet u *litterbins* ġodda fiż-Żebbuġ u f'Marsalforn.
- Fuq talbiet ta' residenti, waħħalna numru ta' bozoz ġodda.
- Gradi tal-ilma fi Triq il-Kaċċaturi.
- Ipprovdejna l-materjal li kien hemm bżonn biex saru x-xogħlijiet ta' manutenzjoni fil-bajjiet mill-ħaddiema tal-Beach Cleaning Section.
- Bnejna ħitan ta' lqugħ f' diversi toroq mhux urbana.
- Żbarna l-bruk fil-Bajja tax-Xwejni u s-siġar taż-żebbuġ fi Triq iż-Żebbuġ;
- Qtugħ ta' ħaxix madwar il-lokalita'

Dawn ix-xogħlijiet huma biss uħud mix-xogħlijiet li l-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ flimkien mal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn kienu impenjati jaħdmu fuqhom matul din l-aħħar sena ta' ħidma. Nemmnu li dawn ix-xogħlijiet u oħrajn għenu biex kompla jitjieb l-ambjent kemm fiż-Żebbuġ kif ukoll f'Marsalforn.

| | |
|---|---|
| *Iffirmata* | *Iffirmata* |
| **Nicky Saliba**<br>**Sindku** | **Ryan Debrincat**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |

# ATTENDENZA FIL-LAQGĦAT

## KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ

### Numru ta' Laqgħat - 15

| | Preżenti | Skużat | Assenti |
|---|---|---|---|
| **Sindku** | | | |
| Is-Sur Nicky Saliba | 15 | | |
| **Deputat Sindku** | | | |
| Is-Sur Daniel Cordina | 12 | 2 | 1 |
| **Kunsillieri** | | | |
| Is-Sur Christian Cassar | 10 | 5 | |
| Chev Carmelo Saliba | 15 | | |
| Is-Sinjura Sandra Grech | 13 | 2 | |
| ***Ex-Officio*** | | | |
| Is-Sinjura Marija Saliba | | | |
| *Chairperson*<br>Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn | 8 | 5 | 2 |
| **Deputat Segretarju Eżekuttiv** | | | |
| Is-Sinjura Josianne Cassar | 15 | | |
| **Segretarju Eżekuttiv** | | | |
| Is-Sur Ryan Debrincat | 2 | | |

# ATTENDENZA FIL-LAQGĦAT

## KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN

### Numru ta' Laqgħat – 11

| | Preżenti | Skużat | Assenti |
|---|---|---|---|
| ***Chairperson*** | | | |
| Is-Sinjura Marija Saliba | 10 | 1 | |
| **Il-Viċi *Chairperson*** | | | |
| Is-Sur Frank Fenech | 8 | 1 | 2 |
| **Membri** | | | |
| Is-Sur Martin Cefai | 10 | 1 | |
| Is-Sinjura Sandra Grech | 9 | 2 | |
| Is-Sur Simon Salomone Reynaud | 1 | 8 | 2 |
| ***Ex-Officio*** | | | |
| Is-Sur Nicky Saliba<br>Sindku | 8 | 3 | |
| **Deputat Segretarju Eżekuttiv** | | | |
| Is-Sinjura Josianne Cassar | 10 | | |
| **Segretarju Eżekuttiv** | | | |
| Is-Sur Ryan Debrincat | 2 | | |

## 3.1 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet Konsolidati tad-Dħul u l-Infiq

| DESKRIZZJONI | a<br>2017<br>ATTWALI<br>€ | b<br>2017<br>BUDGET<br>€ | c<br>2016<br>ATTWALI<br>€ | a-b/b-a<br>2017<br>BUDGET VAR<br>€ | a-c/c-a<br>2017<br>ATTWALI VAR<br>€ |
|---|---|---|---|---|---|
| **Dħul** | | | | | |
| Tal-Gvern | 579,576.00 | 564,755.00 | 450,427.00 | 14,821.00 | 129,149.00 |
| Bye-laws | 19,953.00 | 8,700.00 | 10,905.00 | 11,253.00 | 9,048.00 |
| Investiment | 234.00 | 250.00 | 294.00 | (16.00) | (60.00) |
| TOTAL | **599,763.00** | **573,705.00** | **461,626.00** | **26,058.00** | **138,137.00** |
| **Infieq** | | | | | |
| Salarji u Pagi | 80,874.00 | 92,025.00 | 79,520.64 | 11,151.00 | (1,353.36) |
| Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | 359,515.00 | 292,835.00 | 303,951.00 | (66,680.00) | (55,564.00) |
| Infieq Kapitali | 152,176.00 | 105,341.00 | 68,630.00 | (46,835.00) | (83,546.00) |
| TOTAL | **592,565.00** | **490,201.00** | **452,101.64** | **(102,364.00)** | **(140,463.36)** |
| **Bilanċ** | **7,198.00** | **83,504.00** | **9,524.36** | **(76,306.00)** | **(2,326.36)** |

## 3.2 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fl-Infiq fid-Dettall

| | a | b | c | a-b | a-c |
|---|---|---|---|---|---|
| DESKRIZZJONI | 2017<br>ATTWALI<br>€ | 2017<br>STIMA<br>€ | 2016<br>ATTWALI<br>€ | 2017<br>BUDGET VAR<br>€ | 2017<br>ATTWALI<br>VAR<br>€ |
| **Dħul** | | | | | |
| Tal-Gvern | | | | | |
| Annwali | 498,755.00 | 498,755.00 | 433,074.00 | | 65,681.00 |
| Supplimentari | 32,566.00 | 16,000.00 | | | 32,566.00 |
| Bżonnijiet Speċjali | | | | | |
| Entitajiet Pubbliċi/Governattivi | | | | | |
| Oħrajn | 48,255.00 | 50,000.00 | 17,353.00 | (1,745.00) | 30,902.00 |
| | **579,576.00** | **564,755.00** | **450,427.00** | **436,598.50** | **129,149.00** |
| Bye-Laws | | | | | |
| Servizzi Komunitarji | 9,239.00 | 6,000.00 | 6,753.00 | 3,239.00 | 2,486.00 |
| Kontravvenzjonijiet ta' bye-laws | 3,714.00 | 1,000.00 | 948.00 | 2,714.00 | 2,766.00 |
| Kontribuzzjonijiet u donazzjonijiet | 88.00 | 200.00 | 600.00 | (112.00) | (512.00) |
| Ġenerali | 6,912.00 | 1,500.00 | 2,604.00 | 5,412.00 | 4,308.00 |
| | **19,953.00** | **8,700.00** | **10,905.00** | **11,253.00** | **9,048.00** |
| Investiment | | | | | |
| Interess Bankarju | 234.00 | 250.00 | 294.00 | (16.00) | (60.00) |
| Sigurtajiet tal-Gvern | | | | | |
| | **234.00** | **250.00** | **294.00** | **(16.00)** | **(60.00)** |
| **TOTAL** | **599,763.00** | **573,705.00** | **461,626.00** | **447,835.50** | **138,137.00** |

## 3.3 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fl-Infiq fid-Dettall

| DESKRIZZJONI | a<br>2017<br>ATTWALI<br>€ | b<br>2017<br>STIMA<br>€ | c<br>2016<br>ATTWALI<br>€ | b-a<br>2017<br>BUDGET VAR<br>€ | c-a<br>2017<br>ATTWALI VAR<br>€ |
|---|---|---|---|---|---|
| **Infçq** | | | | | |
| Salarji u Pagi | | | | | |
| Onorarja tas-Sindku | 7,345.00 | 7,345.00 | 7,229.00 | | (116.00) |
| Salarji u pagi ta' l-impjegati | 56,360.00 | 66,363.00 | 51,033.00 | 10,003.00 | (5,327.00) |
| Bonus | 6,413.00 | 5,430.00 | 8,723.00 | (983.00) | 2,310.00 |
| Dħul Supplimentari | 485.00 | 727.00 | 605.64 | 242.00 | 120.64 |
| Kontribuzzjonijet ta' Sigurta Soċjali | 3,871.00 | 5,760.00 | 4,007.00 | 1,889.00 | 136.00 |
| 'Allowances' | 6,400.00 | 6,400.00 | 7,923.00 | | 1,523.00 |
| 'Overtime' | | | | | |
| | **80,874.00** | **92,025.00** | **79,520.64** | **11,151.00** | **(1,353.36)** |
| Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | | | | | |
| Dawl, ilma, telefon,etc. | 4,843.00 | 6,500.00 | 6,913.00 | 1,657.00 | 2,070.00 |
| Xiri ta' Materjal (Materials & Supplies) | 6,523.00 | 500.00 | 513.00 | (6,023.00) | (6,010.00) |
| Tiswijiet u manutenzjoni | 73,388.00 | 70,000.00 | 86,442.00 | (3,388.00) | 13,054.00 |
| Kera | 7,466.00 | 4,660.00 | 4,647.00 | (2,806.00) | (2,819.00) |
| Sħubija f'Assoċjazzjonijiet Int. | 2,923.00 | 750.00 | 762.00 | (2,173.00) | (2,161.00) |
| Spejjeż tal-Uffiċċju | 6,032.00 | 6,000.00 | 5,590.00 | (32.00) | (442.00) |
| Trasport | 6,627.00 | 4,500.00 | 4,211.00 | (2,127.00) | (2,416.00) |
| Vjaġġar/safar | | | | | |
| Informazzjoni għall-Pubbliku | 4,989.00 | 11,000.00 | 10,764.00 | 6,011.00 | 5,775.00 |
| Servizzi b' Kuntratt | 162,390.00 | 130,825.00 | 115,802.00 | (31,565.00) | (46,588.00) |
| Servizzi Professjonali | 23,385.00 | 16,000.00 | 15,501.00 | (7,385.00) | (7,884.00) |
| Training | 1,693.00 | | | (1,693.00) | (1,693.00) |
| Ospitalita u servizzi lill-Komunita` | 49,316.00 | 40,000.00 | 45,778.00 | (9,316.00) | (3,538.00) |
| Spejjeż Inċidentali | 9,940.00 | 2,100.00 | 7,028.00 | (7,840.00) | (2,912.00) |
| | **359,515.00** | **292,835.00** | **303,951.00** | **(66,680.00)** | **(55,564.00)** |
| Infieq Kapitali | | | | | |
| Xiri ta' proprjeta` | | | | | |
| Bini | | | | | |
| Titjib | 14,321.00 | | | (14,321.00) | (14,321.00) |
| Makkinarju u Apparat | 3,762.00 | 5,000.00 | 2,152.00 | 1,238.00 | (1,610.00) |
| Proġetti Speċjali | 134,093.00 | 100,341.00 | 66,478.00 | (33,752.00) | (67,615.00) |
| | **152,176.00** | **105,341.00** | **68,630.00** | **(46,835.00)** | **(83,546.00)** |
| **TOTAL** | **592,565.00** | **490,201.00** | **452,101.64** | **(102,364.00)** | **(140,463.36)** |

## *4.0 Dikjarazzjoni Rikonċiljatorja Bankarja*

### **Kont Bank of Valletta EAccount** 40021326464

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | 140,830,26 |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru 2017 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | 0 |
| Naqqas il-*withdrawals* li saru li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | 0 |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **140,830,26** |

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fil-Ktieb tal-Bank fil-31 ta' Diċembru 2017** | 140,830.26 |
| Għodd l-interess li tħallas sal-31 ta' Diċembru 2017 | 0 |
| Naqqas ic-*charges* imħallsa sal-31 ta' Diċembru 2017 | 0 |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **140,830.26** |

### **Kont Bank of Valletta Kurrenti 40021326529**

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | 0.17 |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru 2017 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | 0 |
| Naqqas il-*withdrawals* li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | (38,146.16) |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **(38,145.99)** |

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fil-Ktieb tal-Bank fil-31 ta' Diċembru 2017** | (38,145.99) |
| Għodd l-interess li tħallas sal-31 ta' Diċembru 2017 | 0 |
| Naqqas ic-*charges* imħallsa sal-31 ta' Diċembru 2017 | 0 |
| Bilanċ Nett tal-Bank | **(38,145.99)** |